31998R1264

19.6.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 175/4

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1264/98
tas-17 ta' Ġunju 1998
li għandu x'jaqsam mal-klassifikazzjoni ta' xi oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 [1] dwar it-tariffi u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1048/98 [2], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa neċessarju li jiġu addottati miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment bbażata fuqha jew li żżid magħha kwalunkwe suddiviżjoni addizzjonali u li hi stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-għan ta' l-applikazzjoni ta' miżuri ta' tariffa u ta' miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mannegozju tal-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritta fil-kolonna 1 ta' l-iskeda annessa mar-Regolament preżenti għandha tiġi kklassifikata skond il-kodiċi KN xierqa indikati fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet li hemm fil-kolonna 3;

Billi hu aċċettat li informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li m'humiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jiġu invokati, skond il-provvedimenti ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabilixxi l-Kodici Komunitarja Doganali [3], għal perijodu ta' tlett xhur mill-persuna fil-pussess;

Filwaqt li s-sezzjoni tat-tariffi u n-nomenklatura statistika tal-Kumitat għall-Kodiċi Doganali ma tatx opinjoni fiż-żmien stabbilit mill-president tagħha tirrigwarda l-prodotti Nru 2, 4, 6 u 7 fl-iskeda annessa;

Billi l-miżuri li jipprovdi dwarhom dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tas-sezzjoni tan-nomenklatura statistika u tat-tariffa tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali fejn għandhom x'jaqsmu l-prodotti 1, 3 u 5,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-oġġetti deskritta fil-kolonna 1 ta' l-iskeda annessa hija issa kklassifikata fi ħdan in-nomenklatura magħquda skond il-kodiċi KN xierqa indikati fil-kolonna 2 ta' l-iskeda msemmija.

Artikolu 2

L-informazzjoni li torbot dwar it-tariffi maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma tikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skond id-disposizzjoniet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perijodu ta' tlett xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jigi fis-seħħ wara 21 ġurnata mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-17 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p.1.
[2] ĠU L 151, tal-21.5.1998, p.1
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p.1

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	It-Titolu Numru	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Trab, li jikkonsisti minn 80 % fl-użin trab tal-ħalib u 20 % fl-użin ta' *lactoserum*, b'kostitwenza kif ġejja (% bl-użin): — ilma: 5 — proteini: 21 — xaħam tal-ħalib: 24 — rmid: 6 — vitamini tal-ħalib: 44	0404 90 23	Klassifikazzjoni hija determinata bir-Regolamenti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċi tan-NM 0404 90 23
2. Trab, li jikkonsisti minn 80 % fl-użin trab tal-ħalib u 20 % fl-użin ta' ingredjenti oħra (8 % *lactose*, 11,8 % *malto-dextrin* b'kontenut ta' zokkor anqas, deskritt bħala *dextrose* b'sustanza xotta, aktar minn 10 % imma anqas minn 20 %, u minerali, *lecithin* u vitamini), b'kostitwenza kif ġejja (% bl-użin); — vitamini tal-ħalib: 41 — xaħam tal-ħalib: 21 — proteini tal-ħalib: 21 — malto-dextrin: 12	0404 90 83	Klassifikazzjoni hija determinata bir-Regolamenti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċi tan-NM 0404, 0404 90 83
3. Prodott fil-forma ta' blokka irregolari safranija/fil-griż frak b'riħa ta' ġobon, iffriżat, bil-karatteristiċi li ġejjin (% bl-użin) — materjal xott: 60 — xaħam tal-ħalib: 28 — proteini: 27 — proteini tax-xorrox: 3,5 — vitamini tal-ħalib: 1,0 — rmid: 3,3 — sodium chloride: 0,7	0406 10 20	Klassifikazzjoni hija determinata bir-Regolamenti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċi tan-NM 0404, 0406, 0406 10 20 Minħabba iċ-ċokon ta' l-ammont tal-kontenut tal-proteina tal-*lactose* u xorrox il-prodott għandu jiġi meqjus bħala maħlul
4. Preparazzjoni ta' ikel f'forma ta' ballun, li tista' tittiekel f'gidma waħda, miksija bil-gomma arabika, li jikkonsisti speċjalment minn ċikkulata tal-ħalib, zokkor, rum, kokkonut imqatta, pejst tal-kokotina, u butir tal-kokotina	1806 90 11	Regolamenti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Miżjuda nota 2 ta' Kapitlu 18 u bil-kliem tal-kodiċi tan-NM 1806, 1806 90 u 1806 90 11
5. Suppliment ta' ikel f'kapsuli li fihom *malto-dextrin* (70 %), *magnesium stearate* (3 %) u *ascorbic acid* (0,5 %) b'fermenti ta' *lactic* miżjuda (*Bifidobacterium breve* u *B. longum, Lactobacillus acidophilus* u *L. rhamnosus,* bejn wieħed u ieħor biljun kull gramma	2106 90 98	Regolamenti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċi tan-NM 2106, 2106 90 u 2106 90 98
6. Taħlita ta' *rape-oil* (98 %) u petrol (2 %)	3824 90 95	Klassifikazzjoni hija determinata bir- Regolamenti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċi tan-NM 3824, 3824 90 u 3824 90 95 Iż-żieda ta' 2 % petrol jagħti l-karatteristiċi tal-*fuel* għall-prodott

Deskrizzjoni tal-oġġetti	It-Titolu Numru	Raġunijiet
7. Taħlita ta' *rape-oil* (98 %) u taħlita ta' (2 %) li tikkonsisti f'diesel u żjut tqal oħrajn	3824 90 95	Klassifikazzjoni hija determinata bir- Regolamenti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċi tan-NM 3824, 3824 90 u 3824 90 95 Iż-żieda ta' taħlita ta' diesel u żejt tqil ieħor jagħti il-karatteristiċi tal-*fuel* għall-prodott